A.L. 189 ta' l-2002

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-2002 li jemenda l-Ordni dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2002 li jemenda l-Ordni dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1993 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet), hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali".

A.L. 109 ta' l-1993.

Trasferiment lura ta' drittijiet u responsabbiltajiet.

2. Id-drittijiet u responsabbiltajiet vestiti fil-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta fir-rigward ta' l-art imsemmija fil-paragrafi (1) u (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordni prinċipali huma b'dan trasferiti lura lill-Kummissarju ta' l-Artijiet għar-rigward tal-biċċa art f'Ħal Luqa flimkien mal-bini hemmhekk mibni, li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. No: 259_2001_31. Din il-pjanta P.D. No: 259_2001_31 hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Ġunju, 2002.